Avviz Numru CCT 127/12/GZ

**Jessica Aquilina**

**vs**

**Keith Vassallo – KVH Computer & Stationery**

Illum 3 ta' Dicembru 2012

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fil-21 ta' Mejju, 2012 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' tmien mija disgha u tmenin Ewro (€889.00), rapprezentanti l-prezz li hallset ghal 'laptop' li nxtara minghand is-socjeta' ntimata, liema 'laptop' kien difettuz.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Fis-16 ta' Ottubru 2011 hija kienet qed tuza il-'laptop' u mar l-iscreen, ghalhekk, l-ghada hadet il-'laptop' lura ghand is-socjeta' ntimata, fejn giet informata illi kien mar xi 'cable' u li f'temp ta' gimgha il-'laptop' ikun imsewwi. Pero', wara gimgha, is-socjeta' ntimata nformat lir-rikorrenti illi kien mar xi 'fuse' u li f'temp ta' gimgha x-xogholijiet ta' tiswija jkunu lesti. Wara tliet (3) gimghat marret il-'graphic card' ta' l-istess 'laptop' u s-socjeta' ntimata kellha tistenna hmistax (15) sakemm jaslu l-'parts' minn barra. Meta fl-ahhar waslet il-'part', is-socjeta' ntimata kienet informat lir-rikorrenti illi l-'motherboard' tal-

'laptop' irrizulta li kien difettuz. Fil-frattemp, ir-rikorrenti kienet inghatat 'loan laptop'. Is-socjeta' ntimata kienet baqghet tipprova ssewwi l-imsemmi 'laptop' pero' qatt ma rnexxiela issewieh.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Preliminarjament it-talbiet tar-rikorrenti huma preskritti.

Illi sussidjarjament, u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost it-talbiet tar-rikorrenti huma nforndati fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz.

Illi minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, il-laptop kellu hsarat mhux minhabba nuqqasijiet tal-esponenti jew ghax kien hazin il-laptop kif donnha qed tecepixxi r-rikorrenti.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, fejn ziedet tghid, illi s-socjeta' ntimata kienet qaltilha illi kien il-'motherboard' li kien difettuz, pero' peress illi hija ma xtaqitx thallas daqshekk ghat-tiswija, is-socjeta' ntimata kienet baqghet tipprova ssib soluzzjoni irhas.

Ir-rikorrenti ezebiet kopji ta' l-ircevuti mahruga mis-socjeta' ntimata, fl-ammont ta' tmien mija disgha u tmenin Ewro (€889.00), li gew immarkati bhala Dok.JA1 u Dok.JA2.

Xehdet Anna Aqulina bil-gurament, fejn hija kkonfermat il-verzjoni tar-rikorrenti.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha kkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Is-socjeta' ntimata ezebiet kopja tal-garanzija datata 22 ta' Awissu 2009, li giet immarkata bhala Dok.KV1 sa Dok.KV2; kopja tal-korrispondenza bejn il-partijiet, li giet immarkata bhala Dok.KV3; u zewg ritratti li gew immarkati bhala Dok.KV4.

Xehed Mel Zarb bil-gurament, fejn bhala tekniku li jaghmel xogholijiet ta' tiswija ghas-socjeta' ntimata, huwa stqarr illi l-'laptop' ma kienx difettuz, pero' l-problema kienet wahda ta' 'wear and tear', u li r-rikorrenti ma rieditx thallas ghal 'motherboard' gdid, u li ghalhekk huwa kien baqa' jipprova jsib soluzzjoni irhas.

it-Tribunal cahad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' ntimata, peress illi t-talba tar-rikorrenti saret fit-terminu hekk premess mill-Ligi.

**Ghal dawn il-motivi:**

it-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, huwa sodisfatt, hekk skond il-provi, illi s-socjeta' ntimata ghamlet dak kollu li setghat sabiex taghti servizz mill-ahjar lir-rikorrenti. Dan il-fatt irrizulta ampjament car mix-xhieda tar-rikorrenti stess, u mix-xhud taghha, fejn gie ammess illi s-socjeta' ntimata kienet hadet daqshekk zmien sabiex taghmel ix-xoghlijiet ta' tiswija fuq il-'laptop' in kwistjoni, semplicement sabiex tipprova ssibilha l-ahjar soluzzjoni, u dana anke wara li kienet skadiet il-garanzija fuq l-istess. Illi ghalhekk, u ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal qed jichad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrenti.

Avv. Gabrielle Zammit
Arbitru